**Issa ż-żmien**

Bil-gzuz qed jinġabru dawn l-esperjenzi
Li f'daqqa għad jgħibu,
Għax il-ħajja hekk taf tagħmel, wisq taħrab
Sewwa mela jgħidu.

Mur ġib lil min ħaseb li ma jmut qatt
Irekken biss għalih,
Kif oħtna l-mewt marret ħabtitlu biebu
Ara kif daħket bih.

Irranġa ħija l-kontijiet ma' Alla
Issa li għadek hawn,
Wara widnejk jinsab il-waqt li titlaq
Hux bil-mixi jew bl-għawn.

Xorta waħda jkollok tbaxxi dik rasek
L'għandek, iebsa stanga,
Għad tibki wied ta' dmugħ, għad tħalli ġidek,
Avolja tiffanga.

Imma għalik oħti hemm ukoll it-tama
Tal-bidla tal-ħajja,
Taħseb li dan qiegħed jhennilek qalbek?
Jekk jagħtik il-qtajja?

U x'inhu l-każ xorta waħda hemm grazzja
Nitolbok titlifhiex,
Tista' issa tiltaqa' ma' dak Kristu
Din l-aħbar tinsihiex.

Għax la tagħlaq għajnejk għal din id-dinja
Quddiemek hemm l-imkien,
Jew għat-tgawdija nkella għat-tbatija
Indem, issa ż-żmien.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.